# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 10 ta' April 2019

## Talba Numru 277/2018SFJ

## *Vodafone Malta Limited (C10865)*

## *vs.*

## *Alfred-Kenneth Scicluna (486173M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallashom is-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€621.94) rappreżentanti spejjeż reżi in kwantu għal mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€221.94) in konnessjoni ma' telefonija ċellulari fuq it-tariffa "*Liberty Plus Pack*" bil-kont numru 1.10999328 u in kwantu għal erba' mitt Ewro (€400.00) in konnessjoni ma' telefonija ċellulari "*Voda Red*" bil-kont numru 1.10983020 fuq talba u għall-benefiċċju tal-intimat, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni mehmuża mal-Avviż tat-Talba li hija s-segwenti:

i. Dokument X1 – *Statement* tal-kont numru 1.10999328;
ii. Dokument X2 – *Statement* tal-kont numru 1.10983020; u
iii. Dokument X3 – Affidavit ta' Dr Jeremy Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li tikkonferma li l-intimat huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma globali ta' sitt mija u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€621.94) kif indikati preċiż fl-Avviż tat-Talba u fid-dokumenti l-oħrajn annessi.

Ra li skont l-istess affidavit, Dr Jeremy Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi ikkonferma li s-soċjetà attriċi ippruvat tinterpella lill-konvenut iktar minn darba sabiex jersaq għall-ħlas, liema tentattivi irriżultaw fin-negattiv tant li kellha tiġi intavolata l-kawża odjerna.

Ra li l-konvenut, debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ baqa' ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li s-soċjetà attriċi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019 ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu ried jipprova taħt ġurament li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta' April 2019, il-konvenut baqa' ma deherx sabiex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni u biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-taba ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

## **<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€621.94) bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitluba fl-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**